Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9786 — RIL/BP/RBML JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 108/05)

1. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Reliance Industries Limited ("RIL") (l-Indja),

— BP Global Investments Limited ("BP GIL") (ir-Renju Unit), ikkontrollata minn BP,

— Reliance BP Mobility Limited ("RBML") (l-Indja).

RIL u BP GIL jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' RBML kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— RIL: esplorazzjoni u produzzjoni tal-idrokarboni, raffinar u kummerċjalizzazzjoni taż-żejt, petrokimiċi, bejgħ lill-konsumaturi, telekomunikazzjonijiet u servizzi diġitali,

— BP: esplorazzjoni, produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali; raffinar, kummerċjalizzazzjoni, provvista u trasport ta' prodotti raffinati; petrokimiċi u prodotti relatati; u enerġija alternattiva,

— RBML: il-bejgħ ta' fuels li jinġarru fuq l-art permezz ta' ħwienet taż-żejt; il-bejgħ ta' spirtu tal-muturi u diesel għall-veloċità għolja lis-segment tat-trasport, is-segment mhux tat-trasport u għall-għoti tal-fuel skont it-talba; negozji mhux tal-fuel li jsiru fil-ħwienet taż-żejt; il-bejgħ tal-lubrikanti lill-konsumaturi; u t-tħaddim tan-negozju ta' RIL tal-ħażna tal-fuel għall-avjazzjoni, faċilitajiet ta' distribuzzjoni tal-fuel lill-ajruplani għall-bejgħ u/jew il-provvista ta' fuel tal-avjazzjoni f'ajruporti fl-Indja bħala fornitur ta' servizzi lill-RIL. L-iskop tal-joint venture huwa limitat għall-operazzjonijiet fl-Indja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9786 — RIL/BP/RBML JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË